MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 134/2008

**A B**

**-vs-**

**C D; u b'digriet tad-19 ta' Novembru 2008 ġie kjamat fil-kawża d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku; u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2009 ġie kjamat ukoll fil-kawża l-minuri E D kif rappreżentat mill-istess konvenuta C D**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-4 ta' April 2008 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi r-rikorrenti kellu relazzjoni ma' l-intimata C D għal dawn l-aħħar ftit snin;

2. Illi frott ta’ din ir-relazzjoni, nhar it-tmienja (8) ta’ April tas-sena elfejn u sitta (2006) twieled E D hekk kif inhuwa evidenzjat miċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru ____/____ hawn anness u markat bħala Dokument A;

3. Illi għalkemm fiċ-ċertifikat tat-twelid imsemmi ġie dikjarat illi l-missier tat-tarbija huwa *unknown*, fil-fatt il-minuri ġie kkonċeput matul ir-relazzjoni li l-istess rikorrent kellu ma’ l-intimata C D u għaldaqstant, l-istess rikorrent huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri E D;

4. Illi minkejja l-fatt li r-rikorrent m’huwiex imniżżel fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri E D, l-istess rikorrent dejjem kien preżenti fil-ħajja tal-minuri u dejjem għamel dak kollu possibli sabiex jassigura ruħu li l-istess minuri jgħix ħajja komda u kuntenta u dan *nonostante* l-fatt li d-drittijiet tar-rikorrenti bħala missieru m’humiex rikonoxxuti;

5. Illi għalkemm ir-rikorrent kemm-il darba resaq biex jirrikonoxxi lill-istess ibnu E D, l-intimata C D qatt ma tat il-kunsens tagħha għal dan il-fini (ara Dokument B anness);

6. Illi l-intimata C D irrikonoxxiet bħala fatt li r-rikorrenti huwa verament u bijoloġikament missier il-minuri E D, kif inhu evidenzjat minn diversi rikorsi u risposti li ġew preżentati quddiem din l-Onorabbli Qorti, liema rikorsi u risposti qiegħda jiġu annessi u mmarkati bħala Dokument C, Dokument D u Dokument E;

7. Illi r-rikorrent A B jitratta l-minuri bħala ibnu kif fil-fatt hu u l-minuri huwa magħruf ukoll bħala iben ir-rikorrent minn nies;

8. Illi apparti d-dikjarazzjonijiet ta’ l-intimata C D permezz tar-rikors u r-risposta preżentati quddiem din l-Onorabbli Qorti (li għalihom saret referenza fil-paragrafi preċedenti) l-paternita’ ta’ E D tista’ tiġi stabbilita permezz ta’ testijiet ġenetiċi apposta;

9. Illi r-rikorrent għandu nteress li jiġi rikonoxxut bħala missier it-tifel E D;

10. Illi *di piu'* jiġi sottomess li preżentement li l-kustodja temporanja tal-minuri E D hija fdata lill-kuġin ta' l-intimata F G u l-mara tiegħu H;

11. Illi huwa fl-interess tal-minuri li l-istess rikorrent jiġi rikonoxxut bħala missier il-minuri;

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li r-rikorrent huwa l-missier naturali tal-minuri E D, mwieled nhar it-tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u sitta (2006);

2. Tordna l-korrezzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri E D (Att Nru. ___ /____) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri tikkanċella *unknown father* u tissostitwih bl-isem 'A B' u tordna ukoll illi l-partikolaritajiet relattivi għal prefessjoni, sengħa jew stat ieħor, għall-eta', għall-post tat-twelid u residenza, u għal isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet, in kwantu jirreferu għal missier il-minuri, jiġu korretti kontestwalment billi jiġu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet li sejrin jirriżultaw waqt is-smiegħ tal-kawża;

Bl-ispejjeż kontra l-intimata, inġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-digrieti tad-19 ta' Novembru 2008 u tas-6 ta' Marzu 2009 li permezz tiegħu ġie msejjaħ fil-kawża l-minuri kif rappreżentat minn ommu l-konvenuta u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku rispettivament;

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata baqgħet kontumaċi skond il-liġi;

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fit-30 ta' Dicembru 2008, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi preliminarjament ukoll jeħtieġ li l-minuri u l-esponent ikunu parti mill-kawża u li l-interessi tal-minuri jkunu rappreżentati minn kuraturi deputati *stante* li jista' jkun hemm kunflitt ta' interess.

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ li r-rikorrent jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqgħu dawn id-dettalji ikunu jistgħu jiġu nseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. *Inoltre*, jekk it-talbiet dedotti jintlaqgħu jeħtieġ li l-kunjom tat-tarbija għandu jiġi korrett.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-intimat li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali, u senjatament l-affidavits ta' l-attur u ta' *omissis*,

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' April 2009 li permezz tiegħu il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob dikjarazzjoni illi t-tarbija illi kellha l-konvenuta u reġistrat bħala iben missier mhux magħruf, huwa fil-fatt iben l-istess attur.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Josianne Giusti vs Pierre Giusti et"** deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk:

*"Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artiklu 77 tal-Kodiċi Ċivili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost oħrajn, 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Artikolu 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija."*

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba ta' l-attur. Mill-provi jirriżulta li anke l-istess konvenuta ammettiet dan fi proċeduri oħra li kopja tagħhom ġew esebiti.

Il-pubblikazzjoni a tenur tal-artiklu 254 saret debitament; il-konnottati ta' l-attur huma indikati fl-aħħar verbal a fol 60. tal-proċess.

**Għaldaqstant il-Qorti fl-ammissjoni tal-konvenuta tiddeċiedi din il-kawża billi;**

**1. tiddikjara lill-attur missier naturali tal-minuri E;**

**2. tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi jirreġistra l-korrezzjonijiet neċessarji fl-att tat-twelid numru ____ ta' l-____ billi jiġu mniżżla l-konnotati ta' l-attur bħala missier il-minuri msemmi kif indikati fil-verbal tat-3 ta' April 2009;**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-attur u l-konvenuta C D solidalment bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------